**15 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

John Baldacchino

*versus*

Joseph Brockdorff

**Sekwestru — Salarju — Art. 382(1) (a) tal-Proċedura Ċivili**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li teżenta mis-sekwestru s-salarju ta' persuni li huma fis-servizz Ċivil, Militari, Navali jew tal-Forzi tal-Ajru, mhix applikabbli għas-salarji ta' dawk in-nies li huma mpjegati ma' persuna li hija mħallsa mill-Gvern għax-xogħol tagħha, imma ma humiex impjegati mal-Gvern; u dan avvolja il-Gvern stess jipprovdi lil dik il-persuna l-flus li jkollha bżonn biex tħallas in-nies li timpjega magħha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi fit-30 ta' Novembru 1959 ġie spedit kontra tiegħu mandat ta' sekwestru fl-ismijiet "Joseph Brockdorff vs. John Baldacchino" (nru. 366/59) in eżekuzzjoni tas-sentenza fl-istess ismijiet mogħtija fis-16 ta' Ottubru 1959; u illi, non ostante li s-sekwestratarji jirrappreżentaw

lid-ditta "The Royal Netherlands Harbour Works Co. Ltd.", hu jirċievi l-flus bħala salarju tiegħu direttament mill-Gvern Ċivili, u kwindi dak is-salarju mhux sekwestrabbli; talab illi din il-Qorti tordna li l-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi jiġi revokat, u tawtorizzah jippreżenta rikors sabiex jottjeni l-opportun kontra-mandat. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi s-sekwestratarji mhumiex ir-rappreżentanti tal-Gvern Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u kwindi t-talba mhix fondata;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

L-attur qiegħed jitlob li l-mandat fuq riferit jiġi revokat għar-raġuni li hu jirċievi l-flus minn għand is-sekwestratarji bħala salarju direttament mill-Gvern Ċivili, u għalhekk dak is-salarju mhuwiex sekwestrabbli, evidentement skond dak li jingħad fl-art. 382(1) (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jiġifieri li ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq is-salarju ta' persuni li huma fis-Servizz Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Mill-provi, però, jirriżulta illi l-attur hu mpjegat bħala "Cost Clerk" ma' Peter Wilson, li in rappreżentanza ta' "Messrs Coode & Partners" hu l-inġinier lokali nkarigat mis-sorveljanza tax-xogħolijiet għall-iżvilupp tal-port li qegħdin isiru mill-kumpannija olandiża fuq imsemmija. L-imsemmi Wilson hu mħallas mill-Gvern, u l-Gvern ukoll jipprovdilu l-flus biex iħallas in-nies li jkollu bżonn jimpjega miegħu biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu; iżda dawk in-nies, fosthom l-attur, huma mpjegati miegħu, u mhux mal-Gvern, u għalhekk l-attur ma hu fl-ebda wieħed mis-servizzi msemmijin fiċ-ċitata dispożizzjoni tal-Liġi tal-Proċedura, u kwindi ma jidħolx fl-eċċezzjoni ntrodotta b'dik il-liġi;

Kien hemm każ, żmien ilu, fejn din il-Qorti, diversament presieduta, estendiet l-eċċezzjoni ntrodotta fid-dispożizzjoni fin-numru (g) tal-imsemmi artikolu għall-flus li

jingħataw minn Dipartiment tas-Servizz Publiku Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru, għall-prezz ta' xogħolijiet jew ta' provvisti, anki għall-flus li, sebbene mhux dovuti mill-Kuruna, iżda kienu dovuti minn persuna addetta għas-servizz tal-Kuruna, billi irriteniet illi s-sekwestru f'dak il-każ seta' jippreġudika s-servizz publiku, peress li seta' jġiegħel li jispiċċa servizz publiku konness ma' finijiet tal-gwerra li allura kienet qegħedha tiġi kombattuta, u rriteniet għalhekk li dak l-artikolu ma kellux jiġi nterpretat restrittivament (Kollez. XXII-III-212, "Magro vs. Briguglio", 2 ta' Settembru 1915). Iżda, apparti l-fatt li dak il-każ kien ben divers mill-preżenti, id-dispożizzjoni tal-art. 382(a) (a), li biha huma dikjarati insekwestrabbli s-salarji ta' persuni li huma fis-Servizz Ċivili, Militari, Navali, jew tal-Forzi tal-Ajru tal-Maestà Tagħha r-Reġina, hi dispożizzjoni eċċezzjonali restrinġenti l-eżerċizzju ta' dritt leġittimu tal-kreditur, u għalhekk għandha tiġi nterpretata letteralment. Ma għandhiex tiġi estiża oltre dawk il-każijiet espressi fl-istess liġi (Kollez. XVIII-II-142; XVIII-III-1; XXIV-I-717);

Għaldaqstant;

Tiċħad it-talba tal-attur għar-raġuni li fuqha ġiet bażata; bl-ispejjeż.